

Brussell, 19 ta' Jannar 2021  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0237(COD)

---

12262/20  
ADD 1

TRANS 486  
CONSUM 179  
CODEC 1056

**ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL**

---

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta'  
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar id-  
drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (riformulazzjoni)  
- Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fis-27 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għar-riformulazzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji.
2. Ir-raġunijiet ewlenin għala l-Kummissjoni ppreżentat ir-riformulazzjoni kienu biex jiġu indirizzati l-problemi perċepiti relatati b'mod partikolari ma' sitwazzjonijiet ta' *force majeure*, l-użu ta' eżenzjonijiet, id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u b'mobbiltà mnaqqsa, u d-disponibbiltà tal-hekk imsejħa biljetti globali u l-informazzjoni dwarhom.
3. Il-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) qabel dwar approċċ ġenerali fit-2 ta' Diċembru 2019.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' Novembru 2018.
5. Bejn Jannar u Ottubru 2020, saru negozjati bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar il-proposta. Fir-raba' trilogu tal-1 ta' Ottubru ntlaħaq qbil proviżorju, li ġie approvat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fil-21 ta' Ottubru 2020.
6. Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) ikkonferma l-qbil politiku fid-29 ta' Ottubru 2020.
7. Fit-twettiq tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill ħa kont tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Jannar 2018. Il-Kumitat Ewropew tar-Regġuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
8. Filwaqt li jittieħed kont ta' dan il-qbil u wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Kunsill Agrikoltura u Sajd fil-25 ta' Jannar 2021 ġie mistieden jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## **II. OBJETTIV**

9. L-objettiv ġenerali tal-proposta huwa li jiġu msaħħa d-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji billi dawn jiġu protetti aħjar f'każ ta' dewmien, kanċellazzjonijiet jew diskriminazzjoni u li jitnaqqas il-piż fuq l-impriżi ferrovjarji f'każijiet speċifiċi, b'mod partikolari dak relatat ma' dewmien ikkawżat minn raġunijiet esterni u lil hinn mill-kontroll tal-impriża ferrovjarja (*force majeure*).
10. Il-passiġġieri tal-ferroviji għandhom ikunu protetti b'mod sħiħ irrispettivament minn fejn jivvjaġġaw fl-UE. Ir-regolament jistabbilixxi garanziji biex tingħata informazzjoni adegwata lill-passiġġieri u jtejjeb b'mod sinifikanti d-drittijiet tal-passiġġieri b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa (PMM).
11. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill jaqbel li jinkludi dispożizzjonijiet ġodda sabiex jitqiesu żviluppi ġodda. Il-Kunsill mar lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni billi qabel ukoll dwar revizzjoni jew żieda ta' dispożizzjonijiet relatati ma': it-tagħmir tal-vetturi ferrovjarji bi spazji għar-roti, ir-ridirezzjonar tar-rota, l-introduzzjoni ta' obbligu relatat mal-biljetti globali, it-tnaqqis tal-ħinijiet ta' notifika minn qabel għall-PMM u billi kompli jikkjarifika l-mekkaniżmu li jittratta l-ilmenti.

## **III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI**

12. Il-kompromess rifless fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fih l-elementi ewlenin li ġejjin.

### ***Force majeure***

13. Il-pożizzjoni tal-Kunsill taġġusta l-klawżola ta' *force majeure* bil-ħsieb li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u konsistenza meta mqabbla ma' klawżoli simili għal modi oħra ta' trasport. Oriġinarjament, kienet limitata għal kundizzjonijiet estremi tat-temp u diżastri naturali kbar. Wara li tqiesu l-iżviluppi reċenti u fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-pożizzjoni tal-Kunsill tintroduċi "riskji kbar għas-saħħa pubblika" bħala ċirkostanzi straordinarji u testendi wkoll *force majeure* għal avvenimenti oħra bħal attacchi terroristiċi jew miżuri tal-infurzar tal-liġi.
14. F'każ ta' *force majeure*, il-pożizzjoni tal-Kunsill tgħid li l-operaturi jinħelsu biss mill-ħlas tal-kumpens, filwaqt li rimborżi oħra xorta waħda jkunu jridu jsiru.

**b) Użu ta' eżenzjonijiet**

15. Il-Kunsill jaqbel li r-regoli l-ġodda jidħlu fis-seħħ wara 24 xahar sabiex l-operaturi u l-awtoritajiet ikunu jistgħu jippreparaw għal tranżizzjoni bla xkiel. Peress li l-Istati Membri għadhom qed jiffaċċjaw livelli differenti ta' żvilupp tal-infrastruttura u s-servizzi ferrovjarji, il-Kunsill iqis li huwa importanti li jingħataw eżenzjonijiet speċifiċi biex l-Istati Membri jingħataw aktar żmien biex jimplimentaw aspetti speċifiċi.
16. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tippermetti estensjoni finali ta' ħames snin tad-derogi attwali għas-servizzi ferrovjarji domestiċi għal dawk l-Istati Membri li kienu qed jagħmlu użu minn dawn id-derogi. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll, f'ċirkostanzi speċifiċi u għal perijodu indeterminat, li jeżentaw parzjalment is-servizzi transfruntiera reġjonali, urbani u suburbani. Madankollu, l-Istati Membri ma jistgħux jeżentaw id-drittijiet tal-PMM, il-ġarr tar-roti u d-dispożizzjonijiet dwar il-biljetti globali u r-ridirezzjonar tar-rota minn servizzi transfruntiera.

**c) Id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u b'mobbiltà mnaqqsa**

17. Il-Kunsill jaqbel li jiġu allinjati d-drittijiet tal-PMM f'dan ir-regolament u tiġi żgurata l-konsistenza ma' strumenti legali oħra, b'mod partikolari l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (Direttiva 2019/882/UE dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD). L-Istati Membri mhux ser ikunu jistgħu jibqgħu jeżentaw l-għoti ta' assistenza u l-kumpens f'każ ta' dannu fit-tagħmir tal-mobbiltà. B'mod ġenerali, il-proċeduri għall-PMM li jivvjaġġaw bil-ferrovija ġew issimplifikati, iċċarati u saru inqas ta' piż sabiex jiġi żgurat servizz aħjar għall-PMM.
18. It-talba għall-assistenza fl-istazzjonijiet ser ikollha tintbagħat sa mhux aktar tard minn 24 siegħa biss qabel l-ivvjaġġar, minflok it-48 siegħa attwali, u mingħajr spejjeż addizzjonali; madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu, sat-30 ta' Ġunju 2026, li dan il-perijodu jiġi estiż sa 36 siegħa. F'każ li ma ssir l-ebda notifika minn qabel iżda meta jkun hemm persunal imħarreġ disponibbli fl-istazzjon, għandha tiġi pprovduta assistenza sabiex tgħin lill-persuni jitielgħu jew jinżlu mill-ferrovija. Meta tkun meħtieġa persuna li takkumpanja, din il-persuna għandha tivvjaġġa mingħajr ħlas u l-PMM li jużaw kelb ta' assistenza għandu jkollhom garanzija li l-annimal jista' jivvjaġġa magħhom.

**d) Tagħmir tal-vetturi ferrovjarji bi spazji għar-roti**

19. Il-Kunsill jaqbel mal-prinċipju ġenerali li għandu jkun possibbli li r-roti jinġiebu fuq il-ferrovija. L-oġettiv ġenerali huwa li jkun hemm mill-inqas erba' postijiet għar-roti f'kull kompożizzjoni tal-ferrovija. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jmorru lil hinn minn dan in-numru iżda f'każ li jkun hemm inqas minn erba' spazji f'kompożizzjoni tal-ferrovija, dan għandu jkun iġġustifikat minn ċirkostanzi speċjali. Huwa biss f'każijiet speċifiċi u ġustifikati li impriża ferrovjarja tista' tirrestrinġi aktar dan id-dritt, b'mod partikolari b'rabta mal-limiti tal-kapaċità matul is-sigħat l-aktar intensivi jew fejn il-vetturi ferrovjarji ma jkunux adattati. L-impriża ferrovjarja tista', fejn xieraq, timponi tariffa raġonevoli.
20. Meta jiġu ordnati vetturi ferrovjarji ġodda jew meta jitwettagħ titjib estensiv tal-vetturi ferrovjarji eżistenti, l-impriżi ferrovjarji huma obbligati jiżguraw spazju għar-roti. L-impriża ferrovjarja għandha tippubblika wkoll informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' dawn l-ispazji tar-roti. Il-proċeduri ta' akkwist speċifiċi biex jiġu żgurati l-ispazji tar-roti fil-vetturi ferrovjarji ser jibbenefikaw minn perijodu tranżitorju ta' 48 xahar.

**e) Biljetti globali**

21. Il-Kunsill jaqbel mal-obbligu li jiġu offruti biljetti globali għal servizzi li huma operati minn impriża ferrovjarja waħda: għal servizzi internazzjonali u fuq distanzi twal mid-data tal-applikazzjoni u wara ħames snin anki għas-servizzi reġjonali. Dan ifisser li meta tali vjaġġ ikun magħmul minn partijiet differenti, il-kombinazzjoni tal-partijiet kollha għandha titqies bħala biljett wieħed. Fejn impriża ferrovjarja ma tikkwalifikax bħala impriża unika, hija għandha tagħmel l-isforzi raġonevoli kollha biex toffri biljetti globali, inkluż kooperazzjoni tajba bejn impriżi ferrovjarji.
22. Meta l-bejjieġha bl-imnut jiġbru l-biljetti flimkien fuq inizjattiva tagħhom stess u l-passiġġier ikun xtara l-biljett fi tranżazzjoni kummerċjali waħda u l-passiġġier ma jkunx ġie infurmat li dan mhuwix biljett globali, il-bejjieġha bl-imnut ser ikunu soġġetti għal aktar responsabbiltà f'każ ta' interruzzjonijiet fl-ivvjaġġar.

**f) *Id-dritt li wieħed jagħżel rotta alternattiva***

23. Il-Kunsill jaqbel li jqassar il-perijodu għal 100 minuta, wara liema perijodu l-passiġġieri jitħallew jorganizzaw rotta alternattiva huma stess, jekk l-impriża ferrovjarja ma tikkomunikax għażliet ta' rotot alternattivi lill-passiġġieri. L-impriża ferrovjarja għandha tiżgura wkoll rimborż tal-ispejjeż tar-rotta alternattiva organizzata mill-passiġġier stess f'każijiet ta' force majeure.

**g) *Informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u t-traffiku f'ħin reali***

24. Il-Kunsill jaqbel li l-informazzjoni dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar f'ħin reali għandha tkun disponibbli għal fornituri ta' servizzi oħra. Billi jkun permess aċċess aħjar u aktar faċli għall-informazzjoni dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar, jistgħu jiġu offruti servizzi ġodda li joħolqu opportunitajiet ta' negozju speċifiċi u għandhom jagħmlu t-trasport ferrovjarju aktar attraenti għall-klijenti eżistenti u ġodda. F'każijiet speċifiċi, l-Istat Membru jista' jagħti eżenzjoni ta' disa' snin lill-maniġer tal-infrastruttura biex iwettaq dan; madankollu, jeħtieġ li l-Istati Membri jivvalutaw mill-ġdid is-sitwazzjoni u l-possibbiltà li jipprovdu l-informazzjoni kull sentejn.

**h) *It-trattament tal-ilmenti***

25. Il-Kunsill jaqbel li jiċċara aktar il-proċedura tat-trattament tal-ilmenti. Il-Kummissjoni ser ikollha bżonn tiżviluppa mudell biex titlob kumpens u rimborż u tiżgura li dawn il-formoli jkunu disponibbli f'format aċċessibbli għall-PMM. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn il-Korpi Nazzjonali tal-Infurzar ser titjeb, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni tal-kunċett u l-ħatra ta' "korp ewlieni" għal każijiet kumplessi.

**i) *Klawżola tan-nondiskriminazzjoni***

26. Il-Kunsill jaqbel li jistipula u jiċċara f'artikolu ġdid li kwalunkwe diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata fuq in-nazzjonalità tal-passiġġier jew il-post tal-istabbiliment tal-impriża ferrovjarja, il-bejgiegħ tal-biljetti jew l-operatur tal-vjaġġi fl-Unjoni hija pprojbita.

#### IV. KONKLUŻJONI

27. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iffaċilitat mill-Kummissjoni. Dan il-kompromess hu kkonfermat mill-ittra tal-President tal-Kumitat TRAN tal-Parlament Ewropew lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (30 ta' Ottubru 2020). F'din l-ittra, il-President tal-Kumitat TRAN indikat li ser tirrakkomanda li l-membri tal-Kumitat tagħha, u sussegwentement il-plenarja, jaċċettaw il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi bħala t-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet.
28. Il-Kunsill għalhekk jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta riżultat bilanċjat u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament riformulat ser jikkontribwixxi biex jiżgura, minn naħa waħda, id-drittijiet tal-passiġġieri, b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltà u b'mobbiltà mnaqqsa li jużaw is-servizzi ferrovjarji, u, min-naħa l-oħra, li jkollu l-obbligi stabbiliti b'mod ċar għall-operaturi ferrovjarji u l-fornituri ta' servizzi tal-ivvjaġġar.
-